

Ottubru 2018 — Ħarġa 315

# Ħolqa Bejnietna

## Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



Il-Kelma tal-Kappillan

## "Irriskjaw u imxu!"

Hekk qal il-Papa Franġisku liż-żgħażagħ meta ltaqa' magħhom is-Sibt 11 ta' Awwissu 2018 ġewwa Circo Massimo, Ruma. Il-ħajja hija mimlija riskji u ż-żgħażagħ iħobbu jeħduhom. Hemm ir-riskju li taqa' u tweġġa' waqt tiġrija iżda tifraħ meta tkun wasalt sa tmiemha. Hemm riskju ieħor li taqa' f'xi vizzju , bawxata jew inċident u tibqa' tbati l-konsegwenzi koroh għal tul ta' żmien. Iż-żgħażagħ iridu jkunu mħarrġa sew biex jagħżlu liema riskju għandhom jieħdu. Il-Knisja Kattolika matul dan ix-xahar ta' Ottubru se tpoġġi fiċ-ċentru tal-attenzjoni lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ sabiex flimkien mal-Knisja nagħmlu l-qabża kuraġġjuża u bla biża' biex inħabirku għal umanità aktar fraterna.

Hemm qawl Afrikan li jgħid hekk: "Jekk trid tgħaġġel, iġri waħdek. Jekk trid tasal 'il bogħod, mur ma' xi ħadd ieħor". Meta tkun ma' xi ħadd issib il-wens u l-kuraġġ li timxi matul it-triqat tal-ħajja. Din hija tagħlima li jagħtuna ż-żgħażagħ tagħna. Huma jfittxu li jibnu ħbiberiji bejniethom biex jimxu flimkien u jiskopru triqat diversi (vokazzjoni, volontarjat, xogħol, sport) li jtuhom sodisfazzjoni fil-ħajja tagħhom. Il-Knisja għandha bżonn l-adolexxenti u ż-żgħażagħ sabiex ikomplu l-missjoni tal-Knisja fuq din l-art; dik li Ġesù jkun magħruf u maħbub mill-bnedmin. Aħna nemmnu li Ġesù stess ser ikun jimxi magħna matul din it-triq tal-ħajja.

Nistedinkom sabiex bħala komunità nisranija f'Wied il-Għajn nisimgħu flimkien il-leħen ta' Alla li jidwi fi qlubna permezz tan-nifs tal-Ispirtu s-Santu u ma nibżgħux nimxu lejn Ġesù li juri l-wiċċ ta' Alla l-Missier. Il-Papa bis-saħħa tas-Sinodu tal-Isqfijiet bit-tema "Iż-żgħażagħ, il-fidi, u d-dixxerniment vokazzjonali" qed jistedinna sabiex nitolbu għall-Knisja u għaż-żgħażagħ tagħna. Ejjew nirriskjaw u nimxu lejn Ġesù b'qalbna mimlija mħabba, fidi u ferħ.

Kunu mberkin
Dun Roderick Camilleri
Kappillan





# Mother's Prayers Group

Elizabeth Spiteri

Il-qawwa tat-talb hija tremenda, speċjalment jekk dan it-talb ikun ġej mill-qalb mimlija mħabba mxebbħa ma' dik li tħoss omm lejn uliedha. L-iskop ta' dan il-grupp huwa li jsir talb għall-ulied u għat-tfal tad-dinja kollha.

Il-grupp tal-*Mother's Prayers* beda fl-Ingilterra f'Novembru 1995 u infirex malajr madwar id-dinja f'madwar 100 pajjiż u għandu l-approvazzjoni, s-sapport u l-barka tal-mexxejja Nsara. Żewg nanniet, Veronica u Sandra, ħassewhom iggwidati mill-Mulej sabiex jibdew il-grupp tal-*Mother's Prayers* biex jitolbu b'mod speċjali għal uliedhom. Huma emmnu fil-kliem ta' Ġesù "Itolbu u jingħatalkom" u ħassew li jistgħu joffrulU l-uġiegħ u l-problemi li ġġib magħha kull trobbija. Matul is-snin kien hemm ħafna risposti għat-talb fosthom ulied li ħarġu mill-vizzju tad-droga, ulied li rritornaw lura d-dar wara snin il-bogħod mid-dar, progress fis-saħħa tat-tfal u fir-relazzjonijiet tal-familji.

**Il-grupp ta' M'Scala jiltaqa' darba fil-ġimgħa, nhar ta' Erbgħa fl-10.00am fil-Villa Apap Bologna.**



Ikun hemm waqfa qasira għas-sajf u jerġa' jibda' jiltaqa' fl-ewwel Erbgħa t'Ottubru. Fir-Randan u fl-Avvent jiltaqgħu l-gruppi ta' Malta kollha ġewwa s-Seminarju tal-Virtù għal quddiesa flimkien.

Għall-ommijiet li ma jkunux jistgħu jattendu filgħodu, qed isir grupp ieħor filgħaxija kull nhar ta' Ġimgħa wara l–quddiesa tas-6.00 ġewwa l-knisja parrokkjali.

L-ulied huma fejn huma jinsabu dejjem imħarsa mill-Mulej, iktar u iktar meta lill-Mulej ngħollulu lejH it-talb tal-ommijiet.


**Tuition Courses**

Primary – Mathematics, Maltese & English

Secondary – Form 1 – 5 / 'O' Level (Mathematics, Physics, English, Maltese, Italian, Biology & Chemistry)
Intermediate/Advanced – Pure Maths, Physics , Maltese, Italian & English.

MCAST – Maths & Physics

We Offer -
- Graduate and Experianced teachers
- Small Groups
- Four tuition centres : Marsaskala , Kalkara, Ħamrun & Birkirkara.

TelNos - 21660812 – 21472561 - 99458791

**CUTAJAR**
Funeral Services

69 St. Helen Street Cospicua
Tel: 2182 6277
ALLAN 9949 2001
9942 3440
IVAN 9942 4599
Email: mcfunerals@gmail.com



# Esperjenza ta' tliet ġimgħat ġewwa l-Albanija

Michael Azzopardi

Matul ix-xahar ta' Lulju 2018, jien flimkien ma' sbatax il-membru ieħor tal-għaqda "Passi & Beyond" tlajna l-Albanija sabiex nagħmlu xogħol ta' volontarjat. Hemmhekk aħna ħdimna mal-għaqda Albaniża, Aid to the Balkans (A2B), bil-motto "Lifting Dignity, Restoring Hope" u taħdem mal-komunitajiet foqra.

Matul din l-esperjenza, bħas-soltu, organizzajna skola sajf għat-tfal ġewwa r-raħal ta' Elbasan, kif ukoll ġewwa Peqin għall-ewwel darba. Jien flimkien ma' ħames persuni oħra, mexxejna l-kamp ta' Peqin, fejn kuljum kien ikun hemm ħames stazzjonijiet, li kienu: wieħed 'Qari u Tagħlim Reliġjuż'; żewġ stazzjonijiet 'Krafts' u tnejn oħra 'Logħob u Żfin'.

It-tfal kienu maqsumin skont l-eta' (l-iżgħar kienu ta' erba' snin, filwaqt li l-kbar ta' erbatax) u kienu jdumu nofsiegħa f'kull stazzjon, imbagħad jaqilbu. Darba minnhom ħadnihom ukoll il-baħar li għall-maġġoranza tagħhom kienet l-ewwel darba.

> **Hija ġenna tal-art meta tara dawn it-tfal ħafjin u min jaf x'ħajja iebsa u monotona għandhom, jgħajtu, jifirħu, jitbissmu u jgħannqu.**

Dan il-kamp dam ħmistax-il ġurnata. Iżda fil-ġimgħa ta' wara morna nżuru erba' familji, fejn tajniehom magna tal-ħasil, fliskaturi, tankijiet u kif ukoll qoffa bi prodotti tal-ikel. Hija ġenna tal-art meta tara dawn it-tfal ħafjin u min jaf x'ħajja iebsa u monotona għandhom, jgħajtu, jifirħu, jitbissmu u jgħannqu.

Din kienet it-tieni darba li jiena tlajt nagħmel din l-esperjenza, u għall-darb'oħra ħallejt biċċa minn qalbi hemm. Hija esperjenza li nirrikkomandha lil kulħadd. Matul is-sena aħna norganizzaw ukoll attivitajiet biex inkunu nistgħu intellgħu dan il-programm u għalhekk nixtieq ngħid grazzi għal kull min għenna, kemm bil-preżenza kif ukoll bit-talb.











# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Ottubru 2018

| | | |
|---|---|---|
| 1 | It-Tnejn | Tibda d-Duttrina għat-tfal li se jirċievu l-Ewwel Tqarbina. |
| 2 | It-Tlieta | **Fl-4:30pm jibda t-tberik tad-djar fi Triq Torri Mamo, Triq id-Daħla ta' San Tumas u Triq ir-Rummien.** |
| 3 | L-Erbgħa | Fid-9:30am jibda l-*Mother and Baby Club* fis-Sala Sant'Anna.<br>Fil-5.00pm tibda d-Duttrina għat-tfal li ser jattendu għall-Katekiżmu fis-Sala Sant'Anna.<br>Fit-8:30pm tiltaqa' l-Kummissjoni Żgħażagħ fis-Sala Sant'Anna. |
| 5 | Il-Ġimgħa | **Festa tal-MADONNA tar-RUŻARJU. Fis-6:30pm Quddiesa l-Knisja Parrokkjali, fis-7:00pm Purċissjoni u fit-8:00pm Quddiesa fil-Villa Apap Bologna.** |
| 6 | Is-Sibt | Fis-6:00pm Seminar għall-ġenituri u l-parrini tal-Adolexxenti li se jirċievu l-Griżma tal-Isqof fis-Sala Sant'Anna. |
| **7** | **Il-Ħadd** | **Is-27 Ħadd ta' Matul is-Sena.**<br>Fl-4:00pm Seminar għall-ġenituri u l-parrini tal-Adolexxenti li se jirċievu l-Griżma tal-Isqof fis-Sala Sant'Anna. |
| 8 | It-Tnejn | Fis-7.15pm jiltaqgħu il-Koppji Mexxejja ta' Kana fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| 9 | It-Tlieta | **Fl-4:30pm jibda t-tberik tad-djar fi Triq l-Imriekeb.** |
| 10 | L-Erbgħa | Fis-7:15pm tiltaqa' l-Kummissjoni Familja fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| 11 | Il-Ħamis | Fil-5.00pm tiltaqa' l-Kummissjoni Liturġija fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| 12 | Il-Ġimgħa | Fis-7pm *Seminar* fis-Sala Sant'Anna għall-GĦARAJJES bi tħejjija mill-qrib għaż-Żwieġ għal dawk li ser jiżżewġu bejn Jannar u Ġunju 2019. |
| **14** | **Il-Ħadd** | **It-28 Ħadd ta' Matul is-Sena.**<br>Fl-10:15am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija.<br>Fit-3:00pm *Afternoon tea* fis-Sala Sant'Anna sal-5:00pm. |
| 16 | It-Tlieta | **Fl-4:30pm jibda t-tberik tad-djar fi Triq Gidwet u Triq is-Skiet.** |
| 20 | Is-Sibt | **Fl-4:30pm issir iċ-Ċelebrazzjoni tal-Griżma tal-Isqof.**<br>Dakinhar ma jkunx hawn quddiesa fil-5:15pm. Ikun hawn tas-6:30pm u tat-8:00pm. |
| **21** | **Il-Ħadd** | **Id-29 Ħadd ta' Matul is-Sena. Fl-4:00pm issir iċ-Ċelebrazzjoni tal-Griżma tal-Isqof.** |
| 22 | It-Tnejn | Adorazzjoni tal-Ħniena Divina wara l-quddiesa tas-6:30pm. |
| 23 | It-Tlieta | **Fl-4:30pm jibda t-tberik tad-djar fi Triq l-Għassies.** |
| 25 | Il-Ħamis | Attività mill-Grupp Santa Marta. Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija.<br>Fis-7:15pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| **28** | **Il-Ħadd** | **It-30 Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| 30 | It-Tlieta | **Fl-4:30pm jibda t-tberik tad-djar fi Triq in-Nadur.** |
| 31 | L-Erbgħa | Flimkien mal-Appostli Franġiskani se niċċelebraw il-Festa tal-Qaddisin Kollha.<br>Fis-7:30pm nibdew b'quddiesa minn Fr Luke Cutajar fis-Sala Sant'Anna u wara festin u logħob għat-tfal flimkien mal-familji tagħhom.<br>**Inħeġġu lit-tfal jiġu libsin tal-Qaddis favorit tagħhom!** |

**Min jixtieq li nhar ta' Sibt jirċievi l-Avviżi tal-Parroċċa b'mod elettroniku, kull ma jrid jagħmel hu li jibgħat 'email' fuq parish.marsaskala@gmail.com. Grazzi.**